MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 28/2006

**Maria Sabina Sultana**

**-vs-**

**Joseph u Josephne konjugi Sultana**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta’ Maria Sabina Sultana fejn ippremettiet illi hija ghandha tiehu minghand il-konvenuti s-somma ta’ sebat elef u hames mitt lira Maltin (Lm7,500), liema somma giet mislufa lill-konvenuti permezz ta’ skrittura privata datata tlieta u ghoxrin (23) ta’ Gunju tas-sena elfejn u hamsa (2005) (dok A) oltre l-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv;

Illi skond l-istess skrittura privata dan l-ammont kellu jithallas lura sat-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u hamsa (2005), liema ammont ghadu sal-lum ma thallasx, minkejja li l-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex ihalsu tali ammont;

Illi dan id-debitu huwa wiehed cert, likiwdu u dovut u safejn taf l-attrici, il-konvenuti m’ghandhom l-ebda eccezzjoni x’jaghtu ghat-talba kontenuta f’din ic-citazzjoni.

Illi ghaldaqstant l-esponenti qed tipprocedi ghal din il-kawza ai termini ta’ l-Atikolu 167 et seq tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili u qed titlob ai termini ta’ l-Artikolu 167 illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tghaddi gahd-decizjoni ta’ din il-kawza bid-dispensa mis-smiegh;

Illi l-esponenti taf dawn il-fatti hawn fuq elenkati personalment.

Talbet li din il-Qorti:

1. tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smiegh ai termini ta’ l-Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. tiddikjara lill-konvenuti debituri solidament u indivizament bejniethom fil-konfront ta’ l-esponenti fl-ammont ta’ sebat elef u hames mitt lira Maltin (Lm7500) dovuti kif hawn fuq spjegat;

3. tikkundanna lill-konvenuti jhalsu lill-esponenti din is-somma oltre l-imghax legali fuq l-istess somma b’effett mit-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Gunju tas-sena elfejn u hamsa (2005) sa-ddata tal-pagament effetiv, oltre l-ispejjez legali tal-prezenti proceduri u ta’ l-ittra ufficjali prezentata fit-tnejn u ghoxrin ta’ Novembru 2005.

Rat id-dokument esebit ma’ l-istess rikors .

Semgħet lill-attrici fl-udjenza tal-10 ta' Mejju 2005 fejn ikkonfermat bil-gurament il-kontenut tar-rikors taghha u fejn gharfet ukoll il-firma taghha fuq l-iskrittura dokument A.

Rat illi minkejja li debitament notifikati b'dan ir-rikors u bl-avviz ghas-smiegh tieghu, il-konvenuti ma dehrux biex jikkontestaw it-talba.

Il-Qorti;

Tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talba attriċi, u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attrici s-somma ta' sebat elef u hames mitt lira Maltin (Lm7500), liema somma giet mislufa lill-konvenuti permezz ta' skrittura privata datata 23 ta' Gunju 2005 bl-imghax legali fuq l-istess somma b'effett mit-23 ta' Gunju 2005 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż  inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata fit-22 ta' Novembru 2005 kollha a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------